# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IR-RABA' KTIEB TA' L-1935

## Sir TEMI ZAMMIT Kt.,C.M.G., M.D., D.Litt. (Oxon.)

Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti tibki telfa kbira: it-tieni telfa li sofriet fil-ħmistax-il sena ta' ħajjetha.

Tmien sena ilu, il-Għaqda tagħna tilfet l-ewwel President tagħha, il-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi. Il-lum il-Għaqda sofriet it-tieni telfa bil-mewt ta' SirTemi Zammit Kt., C.M.G., M.D., D.Litt. (Oxon) Direttur tal-Mużew.

Żewġ kittieba li ħadmu għall-Għaqda, li ħadmu għar-rfigħ ta' l-ilsien għażiż tagħna.

Jekk il-Malti, il-lum, rasu merfugħa għax ħa ħafna minn dak li ħaqqu, min jista' jiċħed li l-ħidma ta' dawn iż-żewġ qalbiena li ħallewna—mal-ħidma ta' oħrajn li għadhom magħna—ma kellux sehem u sehem kbir f'din ir-rebħa?

It-tnejn ħallewna, iżda t-tnejn ħallew warajhom xi jfakkarna fihom.

Muscat Azzopardi kiteb u kiteb mill-aħjar: il-poeżijiet tiegħu, ir-romanzi tiegħu, il-kitba tajba tiegħu fil-ġurnali kienu l-bidu ta' żmien ġdid għall-ilsien Malti; huma taw l-ewwel xejra għal-letteratura maltija moderna. Ħadem imbagħad biex tingħaqad u timxi 'l quddiem il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* li tħabtet u tħabtet għall-Malti—u, għad illi l-Għaqda kienet għadha fil-bidu tagħha, Muscat Azzopardi laħaqha u fiha laħaq ra r-rebħ li kien għad irid ikollha.

Temi Zammit ħadem għal Malta, Temi Zammit ħadem għall-Malti ; ħadem għal Malta billi xerred isimha u qebeż għalih mad-dinja kollha ; ħadem għall-Malti bil-kitba tiegħu ħelwa, sħiħa, qawwija, li tolqot ; Temi Zammit ħadem għall-Malti bil-pinna u bil-kelma... u l-Malti rebaħ.

U din ir-rebħa Sir Temi laħaqha u miet jithenna biha.

* * *

Temistokle twieled fl-1864 minn Spiridione Zammit u Filomena Bologna. Għamel l-istudji tiegħu fil-Liceo u fl-Università ta' Malta fejn fl-1889 ħa l-awrja ta' Tabib.

Żagħżugħ ħaddiem, fl-1890 ġie maħtur Analist tal-Gvern fid-Dipartiment tas-Saħħa—u fl-1897 eżaminatur tax-Xienza Fisika fl-Università. Fl-1903 sar Kuratur tal-Mużew. Fl-1905 laħaq Professur tal-Kimika u fl-1920 Rettur ta' l-Università. Fl-aħħar Direttur tal-Mużew fejn, mill-1924, baqa' sa kemm miet.

Fl-1898 iżżewweġ lil Aloisia Barbaro dei Marchesi di San Giorgio, armla tas-sur E. Laferla. Kellu żewġ ulied Charles u Sofija. Fl-1911 ġie maħtur C.M.G. Fl-1920 mogħti l-"Mary Kingsley Medal" u, fl-istess sena, id-Degree ta' D.Litt (Honoris Causa) Oxford. Fl-1930 kellu mir-Re t-titolu ta' Sir.

Miet fil-għomor ta' 71 sena, is Sibt 2 Novembru, 1935, fil-Villa Oxonia Ta' Xbiex.

* * *

Minn dan li rajna, il-ħidma ta' Sir Temi, tista' tinqasam fi tliet ishma ewlenija : bħala Tabib għas-saħħa u għall-ġieħ ta' Malta ; bħala Arkijologu għall-isem u għall-istorja ta' Malta ; bħala lingwist bil-ħidma tiegħu u bil-kitba tiegħu għall-ilsien Malti.

Biex ingħidu kemm ħadem Sir Temi f'dawn it-tliet fergħat, li fihom l-iżjed li wera sa fejn twassal ir-rieda sħiħa li kellu li jagħmel il-ġid, irridu nimlew ktieb sħiħ.

Bħala Tabib huwa ħadem mhux biss għas-saħħa tan-nies iżda wkoll għall-ġieħ ta' l-isem għażiż ta' Malta. Id-Deni Rqiq mill-barrani kien jissejjeħ ħażin id-"Deni ta' Malta": min jaf kemm ħadem biex irnexxielu jfiehem lix-xjenzjati u lill-kittieba ta' barra li dan id-deni ma kienx tal-mogħża ta' Malta biss—u dan barra mill-ħidma tiegħu biex jinqered dan il-mard ikreh, li għalih baqa' jaħdem sa kemm miet. Għalhekk fl 1904 in-sibuh Membru tal-"Mediterranean Fever Commission," li fih huwa kien jirrappreżenta l-Gvern, fl-1908 membru tal-"Commission to suppress Malta fever" u fl-1909 de-legat tal-Gvern ta' Malta fil-Kongress Mediku ta' Milan.

Fost il-ħidma tiegħu fuq dan, sa mill-1902, insibu konferenza tiegħu stampata, "Mediterranean Fever from a Sanitary Point of View." Fl-1908 għandna stampat ktejjeb "Report on the Goats ill with Mediterranean Fever." Għandna wkoll "La reazione agglutinante nelle Capre dal punto di vista dell'igiene," mogħtija fid-Dsatax-il-Kongress ta' Mediċina Internazzjonali f'Milan, u ħafna kitba u ħidma oħra li ma nistgħux insemmu hawn biex ma ntawlux iż-żejjed, iżda ma rridux ninsew insemmu l-ħidma u l-kitba tiegħu fuq il-ħażna ta' l-ilma f'Malta li fuqha kien jaf xi jgħid bil-bosta.

Sir Temi, Arkijologu. Il-1901, ir-Re tagħna Ġorġ V, li kien għadu Duka ta' Kornwall u York huwa u jżur l-Imperu Ingliż, għadda wkoll Malta. Għal din iż-żjara, fil-Palazz ta' Xara, quddiem San Ġwann, saret wirja mix-xirka ta' l-Arti, Xogħlijiet u Kummerċ biex juru lill-Werriet tat-Tron xi affarijiet qodma u ġodda ta' Malta li kien fihom x'tara. Wara din il-wirja, li

kienet irnexxiet ħafna, ġie f'ras il-Gvernatur Grenfell "li jsir Mużew tal-Gvern li fih jinġabru kulma "jixraq wieħed iżomm għall-ġieħ tal-pajjiż u għall-fdal "tal-ġrajja kollha ta' dawk il-ġnus li għaddew minn "fuq il-Gżira." Kuratur ta' dan il-Mużew ġie maħtur t-tabib Temi Zammit li kien is-Segretarju tal-Wirja fuq imsemmija. Kemm ħadem għal dan il-Mużew sa kemm rah hekk kbir u ta' ġieħ għal Malta, kif inhu l-lum, jafu kulħadd—fih u għalih baqa' jaħdem sa l-aħħar ta' ħajtu.

Barra dan Sir Temi kixef u fisser ħafna Monumenti ta' żmien il-qedem. Kemm nafu għerf mill-istudju tiegħu fuq it-Tempji ta' Hal Saflieni, Hal-Tarxien, Haġar Qim, Imnajdra, kemm għandna tifkirijiet u tagħlimijiet tiegħu fuq il-Katakombi ta' San Pawl, fuq il-Villa Rumana u fuq tant monumenti oħra. Il-kitba tiegħu sew ta' kotba kemm ukoll ta' rapporti u ta' artikoli fl-aqwa rivisti ta' barra fuq dawn il-monumenti tawh isem kbir fost il-għorrief tad-dinja, u "Zammit of Malta", kif kien magħruf fost ix-xjenzjati, ma kienx biss miżmum minnhom bħala arkijologu iżda bħala awtorità f'din il-ħaġa.

Barra mill-kitba fuq dawn il-Monument bħall-"Hal Saflieni Prehistoric Hypogeum", "Hal Tarxien Neolithic Temples", "The Neolithic Temples of Haġar Qim and Mnajdra", "The St. Paul's Catacombs and Rock-cut tombs in Malta" ħareġ bl-Ingliż "Valletta, an Historical Sketch"(żewġ edizzjonijiet); "Guide to the Valletta Museum"; żewġ edizzjonijiet ta' l-Istorja ta' Malta u bosta kotba oħra.

Fadal l-aħħar, imma mhux l-inqas, ħidma ta' Sir Temi għall-ġieħ u għall-isem ta' Malta: il-kitba tiegħu bil-Malti u l-ħidma tiegħu għall-ilsien Malti.

Mhux il-bieraħ Sir Temi beda jikteb bil-Malti. Hamsa u tletin sena ilu, tana f'idejna ktieb ta' *tagħlim fuq id-dinja,* stampat bl-ordni tal-Gvernatur; ktieb tassew imsemmi tajjeb għax fih ħafna u ħafna tagħlim

meħtieġ li min jaf kemm hawn nies li xejn ma jafuh. Minn din l-ewwel kitba tiegħu bil-Malti, it-tabib Zammit wera l-pinna ħafifa biex ifisser u jġiegħlek tifhem l-iżjed ħwejjeġ tqal. Huwa magħmul f'taħdita bejn tifel ta'l-iskola u zijuh tabib, fejn dan, bis-sabar kollu, ħaġa wara l-oħra, ifisserlu l-għaġeb kbir tal-ħolqien, igħidlu kif inhi l-art li ngħixu fuqha, bis-siġar, xmajjar, muntanji u widien, igħidlu fuq is-sema bil-kwiekeb tiegħu, l-ilma li dejjem tiela' fwar u nieżel xita, igħidlu fuq irjieħ, trombi, dagħbien....

Warajh, ktejjeb żgħir *fuq il-ħobż*. Il-ħobż li nieklu kuljum, ħadd jew ftit nafu fuqu. Fih imniżżel fuq ix-xorta ta' qamħ, kif isir dqieq, fuq il-ħmira, xinhi, kif issir u kif togħla, u x-xorta kollha tal-ħobż li jinħema. Tagħlim ħafif u li jista' jifhmu kulħadd.

Fl-1925 ħareġ l-ewwel edizzjoni ta' l-Istorja ta' Malta bil-Malti taħt l-isem ta' *Il-Gżejjer ta' Malta u l-ġrajja tagħhom.* Din il-ħabta kienet għadha kif ġiet imwaqqfa l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, li tagħha huwa kien President Onorarju u għalhekk huwa ried li din l-istorja tiġi stampata bl-ortografija tal-Għaqda u, minn dak iż-żmien, huwa qatt ma kiteb kelma bil-Malti, biex ingħid hekk, jekk mhux bl-ortografija tal-Għaqda. Din l-istorja, miktuba bi stil ħafif mill-id imgħallma tat-tabib Temi Zammit u fiha miġbur fil-qosor kulma nafu li jinħtieġ inkunu nafu fuq il-Gżejjer tagħna, ingħoġbot ħafna u, dan l-aħħar, fl-1934, kellu jarġa' joħroġ it-tieni edizzjoni tagħha,

Fi ktejjeb żgħir ieħor, stampat fl-1930, huwa ġabar kulma kien jaf *fuq tas-Sliema u San Ġiljan*,—l-iżjed tas-Sliema dik il-biċċa art maħruġa fil-baħar li fi ftit snin kibret, tgħammret u saret belt sabiħa. Fih ried juri, fuq fuq, kif kibret belt li nħolqot il-bieraħ biex, kif qal hu, " meta dawk li f'għomorhom raw lil tas-Siema tikber

"ikunu marru, iż-żgħażagħ tal-lum ikunu jafu dak li sar
"qabilhom."

X'kiteb iżjed bil-Malti Sir Temi Zammit?

Mindu bdiet toħroġ ir-rivista tagħna l-MALTI, tista' tgħid, ma ħariġx għadd wieħed mingħajr xi artikolu ta' "T.Z.". Mill-ewwel wieħed fuq "l-ilma li nixorbu" (Marzu 1925) sa l-aħħar wieħed fuq "in-Naħal" (Ġunju 1935) l-artikoli tiegħu dejjem taw pjaċir kbir lill-qarrejja u żgur li kienu jkunu l-ewwel artikoli li jinqraw fost l-artikoli sbieħ li kull darba jkun fih il-MALTI

Għal l-ewwel, l-artikoli tiegħu kienu biss fuq Arkijoloġija, storja naturali, storja ta' Malta, għodod u drawwiet qodma ta' Malta, miktuba bi *stil* ħelu, li jiġbdek u li jħajrek taqrahom għallavolja soġġetti tqal u ibsin. Imbagħed Sir Temi tħajjar u (ngħiduha mill-ewwel) irnexxa kemm jista' jkun, f'xejra oħra ta' kitba: kitba ta' novelli jew ġrajjiet qosra li fihom kellu l-ħila jpinġi xeni, ifassal nies u jfakkar żmenijiet li jibqgħu jissemmew. Xogħol iebes u li jaqta' l-qalb u li mhux kulħadd jista' jidħol għalih; tant hu hekk li l-istess Temi Zammit, kittieb ġa magħruf, donnu għal l-ewwel beża' minnu għaliex naraw li fl-ewwel żewġ novelli tiegħu li dehru fil-*Malti* ta' Settembru 1926 flok ma niżżel taħthom bħas-soltu l-inizjali tiegħu "T.Z." qiegħed in-*nom de plume* D.G.S. Ħaseb li ma kinux sejrin jirnexxu!? Imma ma kienx hekk. Kull min qara dik il-kitba ta' D.G.S. għoxa warajha. Xi wħud marru għandu jsaqsuh jekk jafx min huwa dan D.G.S. (kif qalilna huwa stess dik il-ħabta) u meta saru jafu, ħajruh, anzi talbuh, jissokta jikteb oħrajn bħalhom.

U hekk għamel :—

Daqqtejn ta' pinna u jpinġilek lil Franswà għadu ġej mill-Arġiel b'imħadda xagħar ħiereġ minn taħt kappell tar-ross, jitbaqaq għall-parrukkier li fil-lanja tassħana u tal-kliem fieragħ qarwiżlu ġmiel ta' qargħa

bħal ma kien qarweż, għal għaxar snin sħaħ, lill-imsejkna nies ta' Kordin ;

Daqqa ta' pinna oħra u jsawwarlek lis-sur Anġ, skrivan ix-xatt mal-*Kyrie*, li mar ifittex il-kwiet Ħal Lija u sab.. .il-bejjiegħa kollha jgħajtu wara biebu ;

Fuq il-blat tax-Xemxija jlaqqa' lil Rożina ma' sajjied tal-plajja, l-imsejkna tiżloq, huwa jerfagħha u hija ttih xelin x'jixrob (*nefqa żgħira*), imma dak ix-xelin jiġi lura mdawwar bil-ġawhar, b'sinsiela tad-deheb irqiqa ħierġa minnu... u jġib miegħu l-għarus, lil Pawlu bin il-Baruni tal-Wardija (*fejda kbira* !);

Jew inkella jħarriflek fuq il-moħba li l-ħani ta' Ġanni ta' Feliċ qal li ħollmu biha l-ħares ;—igħidlek kif Fra Ċelest daħak b'dak il-ħalliel ta' Ġużè l-Għaxqi ;—iġiblek lil Ċensa tistagħġeb biċ-ċine ;—lil Lukarda teħodha ma' taċ-ċensiment għax ma tridx tgħidu kemm-il-sena għandha ;—lil Pupul fil-fiera jirbaħ kaxxa tad-daqq.......u jdoqqha bil-maqlub;

Lil Pina, it-tip tal-qaddejja, li ma kinetx iżżomm qoffa biex ma tħassebx ħażin imma ġġib but kbir quddiemha għalli jista' jinqala', jurihielek, b'erba' daqqiet ta' pinna, taħdem bil-għaqal biex taqla' xi sold, bla ebda ħażen.......dik il-qaddejja, ħassiela, nofs qabla, ħuttaba ;

Daqqa ta' pinna oħra u jnissel ġrajja bejn żewġ sidien tal-mogħoż u hemm inizżel waħda waħda ismijiet u għajdut li aħna xejn ma nafu iżda li dawn in-nies kuljum bihom f'ħalqhom ;—b'riħet Mastru Ġakbu, jfakkar id-drawwa ta' l-iskrapan, l-irkaptijiet u l-għodod tas-sengħa, u l-ġibda bejn l-imgħallem u l-lavranti: ħwejjeġ li l-lum għoddhom intsew għal kollox.

Il-kelma maltija f'ħalqu kienet dejjem lesta ; hu kien jaf lil kulħadd, jitkellem ma' kull xorta ta' nies, nies ta' rħula mbiegħda u qrib, nies ta' l-ibliet qodma u ġodda ; jaf kulħadd kif jaħseb, kif jitkellem, fejn

qalbu tiġbdu l-iżjed u għalhekk irnexxielu jgħaqqed dawn il-ġrajja ħelwin u għalliema.

U hu kien ferħan bihom. Lili ma kienx jista' jarani darba li ma jwaqqax il-kliem fuqhom ; dan l-aħħar kien ġenninni ; "niġbruhom, nistampawhom, noħorġuhom." Ilħaqna ħriġna minnhom l-ewwel ktieb, u konna għoddna wasalna għat-tieni meta rtira d-dar marid.

"Kemm nixtieq narahom miġbura kollha," qalli inqas minn tmint ijiem qabel ma miet, meta bagħat għalija biex ikellimni fuq hekk, "imma donni ma rridx nitlaqhom minn idejja : inħosshom biċċa waħda minni."

U issa Sir Temi, qalb maltija, ruħ nisranija, ma għadux iżjed magħna, iżda warajh ħallielna bosta u bosta ħwejjeġ li kull Malti li jħobb il-ġieħ u l-istorja ta' pajjiżu jsib fihom xi jfakkru fih. Ħalla wrajh min jiftakar fih lil niesu, lil ħbiebu u lil kull min, imqar ftit, sar jafu. Aħna tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* żgur li ma ninsewhx : hu ħabb il-Malti, ħadem għall-Malti, forsi iżjed milli nafu!

Issa Sir Temi ma għadux iżjed magħna iżda għadu u jibqa' quddiem għajnejna.

Jiena għadni narah, kif rajtu l-aħħar darba, għad li marid u muġugħ, għajnejh ħajja, iħarsu f'għajnejja. Għadni narah, għad li batut u għajjen, wieqaf fuq tiegħu, idejh wara dahru, jifraħ bija, ikellimni, isaqsini fuqi..... iwassalni sal-bieb ta' daru, jagħfasli idejha u jagħtini l-aħħar tislima...

Sir Temi miet, iżda Sir Temi jibqa' f'qalbna; ismu jibqa' fuq xuftejna, u t-tifkira tiegħu tibqa' thennilna qalbna.

F. S. CARUANA.

11-12-35.



**Sir TEMI ZAMMIT**

**Kt., C.M.G., M.D., D.Litt. (Oxon)**

1864—1935

PRESIDENT ONORARJU

TAL-*GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*